MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 569/2004

**Michael Abela**

**Vs**

**Pawlu u Gaetana konjugi Vella**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm1464 (elf erba` mija sitta u erbghin Lira Maltin) dovuti bhala arretrati ta' kera u hlas ta' permessi.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-27 ta' Mejju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-20 ta' Gunju 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------